# LECTIO DIVINA

# V ĦADD TAR-RANDAN (B)

**Ġw 12:20-33**

Il-KUNTEST ta' din is-silta hija t-tielet darba li fi *Ġw* insibu li Ġesù jitla' Ġerusalemm, din id-darba għall-passjoni tiegħu. Wara li jqajjem lil Lazzru mill-mewt, il-kbarat tal-Poplu «bdew jiftiehmu bejniethom biex joqtluh» (*Ġw* 11:53). Dan għaliex il-qawmien ta' Lazzru jwassal biex bosta jemmnu f'Ġesù, hekk li jiġi deċiż li anki Lazzru jinqatel (cfr *Ġw* 12:10-11). Minħabba s-sinjal tal-qawmien, in-nies toħroġ tilqa' lil Ġesù huwa u dieħel Ġerusalemm u jiġi akklamat bħala «s-sultan ta' Iżrael» (cfr *Ġw* 12:13). Ix-xewqa tal-Griegi f'din is-silta ddaħħal lil Ġesù fis-«siegħa» tiegħu. Hu mħejji, «midluk» (cfr *Ġw* 12:1-8) sabiex imut għall-poplu, kif kien għadu kemm ipprofetizza Kajfa (cfr *Ġw* 11:50).

**Fost dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi.**

Il-«Griegi» huma dawk li ma jagħmlux parti mill-Poplu l-Magħżul imma jersqu lejn il-Mulej. Huma l-«prosèliti twajba» (*Atti* 13:43) li jfittxu lil Alla, li jitilgħu Ġerusalemm għall-Għid u hemm it-talba tagħhom tkun mismugħa: «U l-barrani wkoll, li mhux mill-poplu tiegħek ta' Iżrael, meta jkun sama' b'ismek il-kbir u l-qawwa ta' idek u driegħek merfugħ u jiġi minn art imbiegħda minħabba f'ismek u jitlob f'dan it-tempju, isimgħu mis-sema li hi għamartek u agħmel kull ma jitolbok il-barrani...» (*1Slat* 8:41-43).

**Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda tal-Gallilija, u talbuh: «Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù.»**

Ix-xewqa ta' dawn il-Griegi turi l-wasla taż-żminijiet Messjaniċi: «Mbagħad jiġri f'dak il-jum li l-għerq ta' Ġesse jieqaf bħala sinjal għall-popli. Lilu jfittxu l-ġnus, u l-għamara tiegħu tkun imsebbħa» (*Is* 11:10; cfr *Mt* 2:2; *Rum* 15:8-12). L-għatx għal Ġesù huwa wieħed universali, fejn taqa' kull distinzjoni bejn il-popli għax: «Fih ma hemmx Grieg jew Lhudi, ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Skita, lsir jew ħieles, iżda Kristu f'kollox u f'kulħadd» (*Kol* 3:11). Tabilħaqq iseħħ dak li kienu qed jilmentaw fuqu l-Fariżej: «Ara, id-dinja kollha sejra warajh!» (*Ġw* 12:19). Ix-xewqa li *jaraw* (gr. ὁράω tr. *horáō*), li x'aktarx kienet ġejja mill-kurżità dwar dan Ġesù li kien qajjem wieħed mill-imwiet, turi l-għatx li jsiru jafuh aħjar, u jifhmu aktar l-kliem u l-għemil ta' dan ir-rabbi.

**Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu lil Ġesù.**

Minħabba n-natura tat-talba, Filippu jħoss il-ħtieġa li jmur fejn Indrì, wieħed mid-dixxipli l-aktar

intimi tal-Mulej, wieħed mill-ewwel tnejn li Hu sejjaħ (cfr *Ġw* 1:40). L-għażla li jirreferu din ix-xewqa lil Ġesù turi li kienu għarfu d-disponibililtà li l-Imgħallem kellu biex itaffi l-għatx ta' kull bniedem u jegħleb kull ħajt ta' diviżjoni, bħalma kien għamel mal-mara Samaritana u mas-Samaritani (cfr *Ġw* 4:1-42). Gradwalment kienu ndunaw li Ġesù mhuwiex xi propjetà esklussiva tagħhom (cfr *Lq* 9:49-50) u li huma kienu msejħa biex jgħinu lill-bnedmin sabiex isibu lil Kristu, l-«ikel» li jtaffi l-ġuħ ta' qalbhom (cfr *Ġw* 6:5-6). Hu nnifsu kien stqarr li «dawk kollha li jagħtini Missieri jiġu għandi, u min jiġi għandi ma nkeċċihx 'il barra» (*Ġw* 6:37).

**U Ġesù weġibhom: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat.**

Minflok iwieġeb għax-xewqa tal-Griegi, Ġesù jagħraf f'din il-wasla tas-«siegħa» tiegħu li fiha Alla kellu juri lilu nnifsu b'mod definittiv lill-bnedmin. Hija s-siegħa fejn il-bniedem jibda jqim lil Alla «fl-ispirtu u l-verità» (*Ġw* 4:23), u «meta l-mejtin jisimgħu l-leħen tal-Iben ta' Alla, u dawk li jisimgħuh jgħixu» (*Ġw* 5:25). Kienet waslet is-«siegħa» biex *jaqbduh* (cfr *Ġw* 7:30; 8:20), biex *jagħti ħajtu minn rajh* (cfr *Ġw* 10:18), biex «jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier» u *jħobb għall-aħħar* lil tiegħu li kienu fid-dinja (cfr *Ġw* 13:1). Hu biss b'dan il-mod li x-xewqa tal-Griegi setgħet tabilħaqq tiġi mitmuma.

**Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott.**

Ġesù juża' xbieha popolari fost ir-rabbini Lhud biex ifisser b'mod ċar ir-rabta bejn il-mewt u l-ħajja ġdida. Ġesù nnifsu huwa l-«ħabba tal-qamħ» li sabiex jagħti l-ħajja hu neċessarju li jagħti ħajtu (cfr *Lhud* 2:9-10). Hu l-Qaddej li «l-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard. Talli joffri ruħu b'sagrifiċċju ta' riparazzjoni, huwa għad jara nisel u jtawwal jiemu; u r-rieda tal-Mulej isseħħ bih» (*Is* 53:10). Hu «ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi tal-mewt tas-salib» u «għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejjnu bl-Isem li hu fuq kull isem» (*Fil* 2:8-9). Il-mewt vera hija l-ħajja li tibqa' sterili u magħluqa; il-ħajja vera hija dik li tingħata sabiex tgħajjex.

**Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem.**

L-Imgħallem juri kif ix-*xewqa li wieħed jarah* kienet tfisser *għażla li wieħed jidħol* fl-istess loġika tiegħu, li hija dik tal-għotja, kuntrarja għal dik tal-egoiżmu. L-oppost «tħobb»/«tobgħod» jiftiehem bħala d-deċiżjoni tal-bniedem li jagħżel lil min iħobb l-aktar: l-ogħla mħabba għandha tkun biss għal Mulej (cfr *Mt* 10:37; *Ġw* 21:15). Il-bniedem li jħobb lil ħajtu huwa dak li jintrabat mal-egoiżmu tiegħu u għalhekk jagħżel it-triq tal-mewt: "It-tradizzjoni Kristjana titkellem b'mod effikaċi fuq il-*philautia*, jiġifieri "*l-imħabba għalik innifsek*": xewqa mfittxija akkost ta' kollox, anki mingħajr l-oħrajn jew kontra l-oħrajn; ħsiebni biss fija nnifsi u fl-interessi tiegħi hekk li nqis il-jien tiegħi bħala l-kejl tar-realtà u tal-oħrajn; fi kliem ieħor, dak kollu li jmur kontra x-xewqa profonda ta' Alla li jixtieq il-*komunjoni* tiegħi mal-umanità, u tal-bnedmin bejniethom" (ENZO BIANCHI, *Una lotta per la vita spirituale*, 65). Il-bniedem li jobgħod lil ħajtu huwa dak li fid-dawl ta' Kristu *jgħodd kollox bħala knis* (cfr *Fil* 3:8), u kapaċi jagħraf dwar xiex għandu tassew jitħabat u jitħasseb: «Bdejt, għalhekk, nistmerr il-ħajja għax kollox kien idejjaqni minn dak li jsir taħt ix-xem. Kollox frugħa u ġiri wara r-riħ» (*Koh* 2:17).

**Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ.**

Ir-reazzjoni ta' Ġesù għat-talba tal-Griegi tfakkar fit-tweġiba tiegħu lill-ewwel dixxipli li x-xewqa tagħhom kienet li jkunu jafu fejn jgħammar. Dakinhar qalilhom: «Ejjew u taraw» (cfr *Ġw* 1:38-39). Issa wkoll quddiem ix-xewqa tal-ġnus Ġesù jindika li wieħed jista' jarah biss jekk *jibda miexi fuq il-passi tiegħu*. Hija l-*esperjenza ta' Kristu* li twassal għall-*għarfien awtentiku u l-kontemplazzjoni vera* tiegħU. Ix-xewqa li issir tafu għandha tkun xewqa li *taqdih*. Bħal Abram, id-dixxiplu jrid ikun kapaċi *jqum u jitlaq* (cfr *Ġen* 12:1-2) sabiex ikun jgħodd ma' dawk «li jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur» (*Apok* 14:4). Hekk id-dixxiplu dejjem ikun fil-«fejn» tal-Imgħallem tiegħu li huwa l-imkien tal-glorja, tal-imħabba tal-Missier: «Missier, irrid li dawk li tajtni jkunu huma wkoll miegħi fejn inkun jien, biex jaraw il-glorja tiegħi, il-glorja li tajtni int, għaliex int ħabbejtni sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja» (*Ġw* 17:24). Il-ħlas tal-qaddej huwa l-«ġieħ» mogħti mill-Missier għaliex imsieħeb ma' Kristu hu jirċievi l-istess glorja tiegħu, dik il-glorja li l-Iben jirċievi mingħand il-Missier (cfr *Ġw* 8:50-54; *Prov* 27:18).

**Issa qiegħed inħoss ruħi mħawwda. U x'naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa. Missier, agħti glorja lil ismek."**

L-eseġeti jsejħu dawn is-sentenzi "l-Ġetsemani ta' *Ġw*" li jiġbru l-esperjenza ta' Ġesù quddiem it-tbatija u l-mewt tiegħu li fis-Sinottiċi tiġi deskritta fil-ġnien taż-Żebbuġ dritt qabel l-arrest (cfr *Mt* 26:39; *Mk* 14:36; *Lq* 22:42). Ġesù jesperjenza l-biża' tal-mewt, tas-solitudni, tal-vojt: «Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza» (*Lhud* 5:8). Hu kellu qalb ta' bniedem, li quddiem il-kruha tal-mewt kienet titqanqal u titħawwad sat-tixrid tad-dmugħ (cfr *Ġw* 11:34-35): «Għax ruħi mimlija bil-hemm, lejn il-qabar qed toqrob ħajti. Jien magħdud ma' min nieżel fil-ħofra, sirt qisni bniedem bla saħħa» (*S* 88:4). Tassew "fl-umanità hemm tħabbat Qalb ħajja, tnixxgħi d-demm u li tgħajjex. Hi dik il-Qalb li ħabbet tassew lid-dinja" (PAWLU VI, 4 ta' Ġunju 1972). Quddiem «is-setgħa tad-dlamijiet» li qed toqrob (cfr *Lq* 22:53), Ġesù jdur lejn il-Missier sabiex tkun magħmula r-rieda tiegħu: dik li l-Iben jingħata għal dawk li l-Missier afdalu: «Missier, waslet is-siegħa; agħti glorja lil Ibnek biex l-Iben jagħti glorja lilek, bħalma int tajtu s-setgħa fuq kull bniedem biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li inti fdajtlu» (*Ġw* 17:1-2).

**Dak il-ħin instama' leħen mis-sema: "Jiena diġà gglorifikajtu, u nerġa' nigglorifikah." In-nies li kienu hemm semgħuh, u qalu li kien qiegħed iriegħed. Oħrajn qalu: "Kellmu xi anġlu." Ġesù wieġeb: "Dan il-leħen ma ġiex għalija, imma għalikom.**

Hi l-ewwel darba fi *Ġw* li l-Missier jitkellem. Dawn is-sentenzi huma "t-trasfigurazzjoni ta' *Ġw*" fejn il-Missier jirrevela lill-Ibnu quddiem id-dixxipli (cfr *Mt* 17:1-8; *Mk* 8:2-10; *Lq* 9:28-36). In-«nies» jinterpretaw il-fenomenu skont l-iskemi tat-teofaniji fl-Iskrittura (cfr *Eż* 19:16; 20:18; *Ġob* 37:2-5) fejn il-leħen tal-Missier jintlaqa' fost l-istorbju. Iżda huma msejħa sabiex jagħtu widen u jilqgħu b'mod "ċar" dan il-leħen għax qed ikellem lilhom sabiex jemmnu fl-Iben u jkunu dixxipli tiegħu: «Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi" (*Ġw* 15:8).

**Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jitkeċċa l-Prinċep ta' din id-dinja.**

Il-wasla tas-siegħa tfisser li jidħol fis-seħħ il-*ġudizzju tad-dinja* li tinħeles mill-ħakkiem qerriedi tagħha u hekk isseħħ il-wegħda li saret sa mill-waqgħa tal-ewwel bnedmin: «hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu» (*Ġen* 3:15). Il-«Prinċep», «Satana» (*Ġw* 13:27), «ix-Xitan» (*Ġw* 6:70; 8:44), «il-Ħażin» (*1Ġw* 2:13) jispiċċa mkeċċi mill-Missier li permezz ta' Ibnu Msallab jagħmel minnu u mill-Prinċipati u s-Setgħat tiegħu «wirja [...] quddiem id-dinja, u karkarhom warajh fit-trijonf tiegħu bi Kristu» (*Kol* 2:15).«Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kull ma għamel ix-Xitan» (*1 Ġw* 3:8).

**U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja." Hu qal dan biex jurihom b'liema mewt kien sejjer imut.**

Hija t-tielet u l-aħħar darba fi *Ġw* li Ġesù jitkellem mill-irfigħ tiegħu 'l fuq mill-art: l-ewwel darba f'rabta mal-ħarsa li ssalva (cfr *Ġw* 3:14-15); it-tieni darba f'rabta mar-rivelazzjoni tal-Iben bħala l-«jiena hu» (cfr *Ġw* 8:28); issa bħala dak li bl-għotja ta' ħajtu jorbot miegħu lill-bnedmin kollha: «Mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja» (*Rum* 5:18). Hu bil-mewt fuq is-salib li l-Mulej jagħmel «patt ġdid» mal-bnedmin billi jaħfrilhom ħżunithom u jikteb il-liġi tiegħu f'qalbhom (cfr *Ġer* 31:31-34): «Bi ħbula ta' bnedmin jien ġbidthom, b'rabtiet ta' mħabba; u kont għalihom bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh, u lejha mmil nitmagħha» (*Ħos* 11:4). Ix-xewqa tal-Griegi – u ta' kull bniedem li jfittex li jara lil Alla – tintemm biss fl-Imsallab li jmut sabiex jagħti l-ħajja ta' dejjem.